MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1674/2001/1

**Sandra Al Tumi f'isimha proprju kif ukoll bhala legittima rapprezentanti u kuratrici *ad litem* ta' wliedha minuri Samira, Hannah u Rashid ilkoll ahwa Al Tumi.**

**vs**

**L-Avukat Dr. Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno kuraraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Ghedafi Said Abdulsalam Al Tumi.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-tnejn u ghoxrin (22) t'Awissu tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (1994) fir-Registru Pubbliku fil-Belt Valletta;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu tliet itfal cjoe' Samira (ta' hames snin) Hannah (ta' sentejn u nofs) u Rashid (ta' disa' xhur) it-tlieta ahwa Al Tumi;

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irremedjabilment u dan ukoll peress li Ghedafi Said Abdulsalam Al Tumi rrenda ruhu hati fil-konfront ta' martu attrici ta' eccessi u sevizzi u vjolenza morali kif ukoll fizika apparti li abbanduna lilha u lil uliedha billi siefer barra minn Malta u kkommetta adulterju meta mar jghammar band'ohra ma' mara ohra;

Illi l-konvenut ghandu l-obbligu li jmantni lill-imsemmija Sandra Al Tumi, kif ukoll lil uliedu Samira (ta' hames snin), Hannah (ta' sentejn u nofs) u Rashid (ta' disa' xhur) it-tlieta ahwa Al Tumi;

Illi minhabba r-ragunijiet premessi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'din il-kawza permezz ta' digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili numru 1202/01;

Illi ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut jghid, ghaliex ghar-ragunijiet premessi ma ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-istess konvenut *inter alia ai termini* ta' l-**artikoli 38, 40 u 41 tal-Kapitolu 16;**

2. Tiddikjara li l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri tal-kontendenti cioe Samira (ta' hames snin), Hannah (ta' sentejn u nofs) u Rashid (ta' disa xhur) it-tlieta ahwa Al Tumi ghandha tkun akkordata u fdata unikament f'idejn l-attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas retta alimentarja lill-attrici ghall-htigijiet personali taghha kif ukoll li jhallas retta alimentarja ohra ghall-htigijiet tal-manteniment tal-minuri

Samira (ta’ hames snin), Hannah ta’ (sentejn u nofs) u Rashid (ta’ disa’ xhur) it-tlieta ahwa Al Tumi u dan billi dawn ir-rette alimentarje jigu stabbiliti minn din il-Qorti b’dawk il-modalitajiet li jigu determinati minn din il-Qorti, tenut kont tal-mezzi tal-attur u l-htigijiet tal-attrici u ta’ wliedha minuri Samira (ta’ hames snin) Hannah (ta’ sentejn u nofs) u Rashid (ta’ disa xhur) it-tlieta ahwa Al Tumi u dan wara li jitqiesu l-mezzi kollha tal-partijiet;

4. Minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz tezercita d-diskrezjoni moghtija lilha *ai termini* ta’ l-**artikolu 52 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** u b’hekk tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili,** billi tiddikjara li l-konvenut tilef: a) il-jeddijiet imsemmija fl-**artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kapitolu 16**; b) dak kollu li kiseb mill-attrici b’donazzjoni bi hsieb ta’ zwieg, jew waqt iz-zwieg jew b’titolu gratuitu iehor; c) kull jedd ta’ parti miz-zwieg ghal nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-attrici wara d-data li tkun stabbilita minn din il-Qorti li tkun id-data meta l-konvenut ghandu jkun kunsidrat hati tal-firda; d) kif ukoll il-jedd li jgieghel lill-attrici li tissomministra lilu l-manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg;

5. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss kwalunkwe oggett parafernali tal-attrici u li jista’ jinsab fil-pussess tieghu, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur ta’ tali oggetti kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta’ perit nominand;

6. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha u tassenjaha, bin-nomina jekk ikun mehtieg ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma u jekk ikun mehtieg bin-nomina ta’ nutar biex jircievi l-att opportun u bin-nomina ta’ kuratur sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

(7) Taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa skond ic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz;

(8) Tordna li s-sentenza eventwalment moghtija minn dina
l-Qorti titnizzel fir-Registru Pubbliku.

(9) Tiddikjara u tiddeciedi li l-fond numru 11, Flat 1, Wells Street, Valletta huwa r-residenza esklussiva ta' l-attrici u ta' wliedha minuri ad eskluzjoni ta' Ghedafi Said Al Tumi.

Bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, komprizi dawk il-proceduri kollha li kellhom isiru quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut li jibqa' ngunt in subizzjoni.

1. Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta' dokumenti esebiti esebiti minn fol. 4 sa 7A.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dottor Leslie Cuschieri u l-P.L. Luisa Tufigno datata 23 ta' Jannar 2002 fejn gie eccepit:-

1. Illi b'digriet tas-27 ta' Lulju 2001 huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Ghedafi Said Abdulsalam Al Tumi.

2. Illi huma m'ghandhomx kuntatt mal-persuna minnhom rapprezentata u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti fil-kaz odjern.

3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti noe.

1. Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti nomine u l-lista tax-xhieda a fol. 13 tal-process

Rat il-verbali tas-seduti tas-6 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tibda tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta; u tal-25 t'April 2002 fejn inghata

digriet affidavit tal-attrici b'terminu ta' hamsin (50) gurnata. Il-Qorti nnominat lil Dr. Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju biex jigbor il-provi.

Rat in-nota tal-attrici Sandra Al Tumi tat-3 ta' Dicembru 2002 (fol. 18 tal-process) fejn issottomettiet li:-

a) *ai termini* ta' l-**artikolu 62 tal-Kapitolu 16** tiddikjara li taghzel li tirriverti ghal kunjom xbubitha "Caruana" liema ghazla ghandha tigi deciza fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti.

b) *ai termini* ta' l-**artikolu 175 (1) tal-Kapitolu 12** titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha zzid talba ohra flimkien mat-talbiet gja' msemmija mill-attrici fic-citazzjoni taghha fis-sens illi:

*"9. Tiddikjara u tiddeciedi li l-fond numru 11, Flat 1, Wells Street, Valletta huwa r-residenza esklussiva ta' l-attrici u ta' wliedha minuri ad eskluzjoni ta' Ghedafi Said Al Tumi."*

Illi b'digriet tal-llum stess 26 ta' Novembru 2003, abbazi tan-nota tal-attrici datata 3 ta' Dicembru 2002 tordna li tizdied talba ohra numru (9) fl-atti tac-citazzjoni attrici fejn l-attrici titlob li din il-Qorti:-

*"Tiddikjara u tiddeciedi li l-fond numru 11 Flat, 1, Wells Street, Valletta huwa r-residenza esklussiva ta' l-attrici u wliedha minuri ad eskluzjoni ta' Ghedafi Said Al Tumi".*

Rat in-nota tal-attrici datata 3 ta' Dicembru 2002 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha.

Rat il-verbal tal-5 ta' Dicembru 2002 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Farrugia u estendiet it-terminu ghall-prezentata tal-affidavits attrici u tal-Kuraturi Deputati.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 13 ta' Jannar 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit ta' ohtha Sally Caruana.

Rat il-verbal tat-8 ta' Mejju 2003 fejn ma deher hadd u l-kawza giet differita Sine Die.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-12 ta' Mejju 2003 fejn talbet li l-kawza terga' tigi riappuntata.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 13 ta' Mejju 2003 fejn laqghat it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghad-9 t'Ottubru 2003.

Rat il-verbal tad-9 t'Ottubru 2003 fejn il-kuratur Dr. Leslie Cuschieri nforma lill-Qorti li l-assenti waqaf jikkomunika mieghu u ghalhekk irrimetta ruhu ghall-provi. Dr. Aaron Bugeja ghall-attrici ddikjara li: 1) il-konvenut jinsab barra minn Malta u li l-introjtu tieghu ma jafx x'inhu; 2) li proprjeta' parafernali m'hemm xejn hlief xi mmobbli li l-attrici xtrat wara li l-konvenut telaq barra minn Malta; u 3) li hemm biss kirja sussidjata tal-fond "11, Flat 1, Wells Street, Valletta". Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 26 ta' Novembru 2003.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PROVI.</u>

Illi kif jirrizulta mill-provi tal-attrici (fol. 19) u d-dikjarazzjoni (fol. 3) tal-attrici l-kontendenti zzewgu fit-22 t'Awissu 1994 fir-Registru Pubbliku Valletta, u minn dan iz-zwieg twieldu tliet itfal li huma Samira ta' hames (5) snin, Hannah ta' sentejn u nofs (2½) u Rashid ta' disa' (9) xhur it-tlieta ahwa Al Tumi.

Illi mill-affidavit tal-**attrici** fol. 20 l-attrici tghid li r-ragel taghha ma kienx ta' skola u ghalhekk ma kienx facli ghalih li jahdem peress illi ma kienx jaf la jikteb u l-anqas ma kien jaf bl-Ingliz u ghalhekk ma kienx facli ghalih lanqas.

Illi huma damu joqoghdu go *flat* il-Mellieha hames snin. L-attrici tghid li meta kien ser ikollha t-tifla l-kbira Samira kien beda jibdilha ma' mara ohra. Kien anke mar xahar shih l-Isvezja. Tkompli tghid li sakemm ma kienetx tqila kien kollox sewwa pero' anke meta twieldet t-tieni tarbija

Hannah mar xahar ghand siehbu l-Ingilterra. Huwa bidilha wkoll ma' mara ohra (l-ewwel paragrafu a fol. 21).

Illi l-attrici xehdet ukoll li kien isawwatha u kien vjolenti maghha (t-tieni paragrafu fol. 21). Izzid li (t-tielet paragrafu fol. 21) mat-team tal-Basketball tal-Pembroke kien beda jithallas mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220) fix-xahar u kien itiha tletin lira Maltija (Lm30) minnhom li ghaliha ma kienux bizzejjed.

Illi meta kienet diga' tqila bit-tifel Rashid ma wrietx bit-tqala taghha (raba' paragrafu a fol. 21). Izda darba minnhom it-tifla Samira bdiet issemmi mara ohra bl-isem ta' Linda. (*vide* t-tielet u raba' paragrafu ta' fol. 21).

Illi l-attrici tkompli tirrakkonta li:-

*"Ftit granet wara ergajt staqsejt lill-Samira fejn kienet Linda. Hi regghet qaltli li kienet ghand Ousama flimkien ma missierha. Jiena qbadt u mort dak il-hin stess ghand Ousama. Habbatt il-bieb. Fetahli l-bieb Ousama stess u staqsejtu ghal Ghedafi Said. Dan urieni fejn kien zewgi. Ftaht il-bieb ta' dik il-kamra u nsib lil zewgi u lil wahda mara b'xagharha isfar gharwenin fuq sodda. Din kienet Linda………."*

Illi fit-tieni paragrafu fol. 22 tkompli tghid:-

*"Staqsejtu kemm kien ilu ma' Linda. Hu qalli li kien ilu maghha minn April 2000. Fit-22 ta' Settembru 2000 Ghedafi Said telaq minn Malta. Fl-4 t'Ottubru 2000 twieled it-tifel tieghi Rashid. Ghedafi lil ibnu qatt ma rah".*

Illi fit-tielet paragrafu fol. 22 tkompli tghid:

*"Illum Ghedafi Said jghix ma' Linda l-Izvezja. Dan nafu ghax qalli hu li qed jghix maghha. Ghedafi gieli jcempel ghat-tfal. Anke Linda gieli kellmet lit-tfal. Jiena nkellmu normali fuq it-tfal. Anke t-tfal ikellmuh. Manteniment ma jibghatx la ghalija u lanqas ghat-tfal. Hu jghidli li ma jahdimx. Pero' qalli li gab passaport Svediz u visa ghal tliet snin".*

**III. KONSIDERAZZJONIJIET DWAR MANTENIMENT U L-MEZZI TAL-KONTENDENTI.**

Illi in kwantu ghall-attrici jirrizulta a fol. 22 tal-process fir-raba' paragrafu li hija tghix fuq ghajnuna socjali ta' mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm168) fix-xahar. Huwa essenzjali li l-attrici tibqa' tiehu din l-ghajnuna *stante* li trid trabbi tliet itfal minuri barra l-htigijiet taghha u peress li l-konvenut abbandunaha u ma jissomminsitra l-ebda manteniment la ghaliha u lanqas ghal uliedha. Dan id-dritt ta' manteniment jibqa' veljanti favur taggha u ta' wliedha.

Illi a fol. 22 tal-process (fl-ahhar paragrafu) tghid li xahar ilu giet allokata *flat* mill-Awtorita` tad-Djar b'kera sussidjat. Dan il-*flat* igib in-numru 11, Flat 1, Wells Street, Valletta. Ghandha thallas sittin lira Maltin (Lm60) fis-sena u din il-kera hija hekk sussidjata. Marret tghix fih ma' wliedha. Hija ghadha ma ffirmatx il-kuntratt tal-kiri pero' giet moghtija c-cwievet mill-Awtorita' tad-Djar.

Illi fl-affidavit tal-attrici a fol. 22 (raba' paragrafu) hija tghid:-

*"Bhal issa qed nghix fuq ghajnuna socjali ta' mija u tmiena u sittin lira Maltin (Lm168) fix-xahar. Dan irid ikopri l-htigijiet tieghi u ta' wliedi. Jiena ma ghandix flus il-bank. Ghedafi kellu xi flus il-Bank pero' ha kollox mieghu. L-affarijiet mobbli li kelli fil-'flat' jikkonsistu f'fajjenza, ghamara bhal 'wallunit', sufan u pultruni u l-ghamara tal-kamra tas-sodda. Dawn l-assi kienu tieghi minn qabel iz-zwieg. Dawn il-mobbli kienu proprjeta t'ommi Ommi giet erba' xhur qabel izzewwigt. Ma kellix testment.*

*Biss peress li kont l-izghar fost l-ahwa u l-unika xebba li kont nghix m'ommi fid-dar taghna huti accettaw li jiena nzomm l-ghamara t'ommi li semmejt aktar 'il fuq. Fil-fatt cedew sehemhom lili minn din l-ghamara.*

*Fiz-zwieg jiena u Ghedafi Said m'akkwistajniex bini jew proprjeta' mmobbli…..*

*Nixtieq li Ghedafi Said almenu jibda jibghat manteniment ghat-tfal. Pero' dejjem jghid li ma jahdimx."*

Illi dwar il-mezzi tal-missier ghall-fini tal-manteniment, jirrizulta li l-imsemmi Ghedafi Said ghamel zmien meta kien Malta jithallas mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220) mill-*basketball* (*vide* fol. 21 it-tielet paragrafu) f'liema loghba jidher li kellu certa abilita' peress li ntaghzel mat-*team* nazzjonali tal-*basketball*. L-attrici tghid a fol. 20 (tielet paragrafu) li kien beda jahdem ta' *"handyman."* Kien jaqbad paga minima. Kien dam jahdem max-"Shoppers" madwar erba' snin.

Illi altrimenti l-istess attrici (fol. 20 l-ewwel paragrafu) tghid li zewgha *"ma kienx ta' skola u ghalhekk ma kienx facli ghalih li jahdem. Peress li ma kienx jaf la jikteb u la jaqra u lanqas ma kien jaf bl-Ingliz"* u (a fol. 22 fit-tielet paragrafu) tghid li qallha li *"gab passaport Svediz u visa ghal tliet snin".*

Illi fil-kuntest ta' dan kollu u ghal dak li huwa l-*quantum* tal-manteniment huwa verosimili li l-imsemmi zewgha salv bdil fic-cirkostanzi tieghu ma jaqbadx *oltre* paga minima.

Illi ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi jidher li l-attrici ma ppruvatx li l-konvenut ghandu xi forma ta' ntrojtu u ghalhekk ma hemm l-ebda rata ta' manteniment li tista' tigi likwidata f'din id-decizjoni, ghalkemm l-attrici u wliedha ghandhom id-dritt ta' manteniment minghand il-konvenut, li jibqa' riservat favur taghhom kemm-il darba l-attrici tkun fi grad li tipprova l-introjtu tal-konvenut. Illi kif gja' nghad l-attrici ghandha tibqa' tircievi l-ghajnuna socjali.

## <u>IV. KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI.</u>

Illi **artikolu 38 tal-Kodici Civili** jiddisponi kif gej:-

*"Kull parti mizzewga tista' titlob l-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra".*

Illi **artikolu 40 tal-istess Kodici Civili** jiddisponi illi:-

*"Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment".*

Illi fis-sentenza tal-Qorti Civili Prim' Awla fil-kawza fl-ismijiet **"Michelina Borg vs Joseph Borg"** (Vol.XLVlll E u XLIX A) deciza fl-10 ta' Dicembru 1964 p.1257 jinghad illi *"sabiex tigi akkolta t-talba ghas-separazzjoni personali huwa bizzejjed illi tirrizulta wahda biss mill-kawzalijiet ghas-separazzjoni personali purche' dik il-kawzali li tirrizulta bhal dik tal-adulterju tkun ta' gravita tali li tivvjola profondament il-konvivenza konjugali".*

Illi *in materia* ta' adulterju jinghad f'diversi sentenzi tal-Qrati illi *"l-adulterju jista jigi nferit minn indizji u prezunzjonijiet gravi bhal ma huwa l-istat ta' konkubinat. Il-harba mal-persuna illi maghha jkun gie allegat l-adulterju hija kkunsidrata fid-dottrina u fil-prattika bhala ndizju bizzejjed gravi u preciz ta' l-adulterju."* (*vide* **"Virginia Fenech vs Avukat Dottor Giuseppe Borg Olivier et noe"** tas-7 ta' Settembru 1964 – P.A. (MCC) - Volume XLVlll D fol. 1147). Sentenzi ohra huma Qorti Civili Prim' Awla (*vide* **"A vs B"** deciza fis-16 ta' Marzu 1990 Vol. LXXlV fol. 474 (FDP), u fis-sentenza **"Rita Vella vs Avv. Dr. Alberto Ganado et noe"** (Volume XXXVl C fol. 397 tal-4 ta' Marzu 1952 – (JCC) ukoll fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Emanuele Avallone vs Cettina Avallone"** deciza 13 ta' Jannar 1997. Sentenzi ohra huma **"Stringer Sylvana pro et noe vs Stringer Jeremy"** – (P.A. (PS) deciza fit-28 ta' Frar 2003), u **"Mary Muscat vs Anthony Muscat"** (P.A. (PS) deciza fit-28 ta' Frar 2003).

Illi fil-kaz odjern jirrizulta kif tghid l-attrici (*verbatim* fol. 21 u 22)

*"Ftit granet wara ergajt staqsejt lill-Samira fejn kienet Linda. Hi regghet qaltli li kienet ghand Ousama flimkien ma missierha. Jiena qbadt u mort dak il-hin stess ghand Ousama. Habbatt l-bieb. Fetahli l-bieb Ousama stess u*

*staqsejtu ghal Ghedafi Said. Dan urieni fejn kien zewgi. Ftaht il-bieb ta' dik il-kamra u nsib lil zewgi u lil wahda mara b'xagharha isfar gharwenin fuq sodda. Din kienet Linda. Dak il-hin qbadt 'lampshade' li kienet hdejja u waddabtha lejn Linda. Ghedafi dar fuqi u tani daqqa ta' ponn fuq imniehri. Faragni. Ghidtlu li kien jista jaqbad u jiehu hwejgu mid-dar.*

*Staqsejtu kemm kien ilu ma' Linda. Hu qalli li kien ilu maghha minn April 2000. Fit-22 ta' Settembru 2000 Ghedafi Said telaq minn Malta. Fl-4 t'Ottubru 2000 twieled it-tifel tieghi Rashid. Ghedafi lil ibnu qatt ma rah.*

*Illum Ghedafi jghix ma' Linda l-Izvezja. Dan nafu ghax qalli hu li qed jghix maghha. Ghedafi gieli cempel ghat-tfal. Anke Linda gieli kelmet lit-tfal. Anke t-tfal ikellmuh. Manteniment ma jibghatx la ghalija u l-anqas ghat-tfal. Hu jghidli li ma jahdimx. Pero' qalli wkoll li gab passaport Svediz u viza ghal tliet snin."*

Illi x-xhieda tal-attrici hija wkoll korroborata mix-xhieda fl-affidavit ta' ohtha **Sally Caruana** (fol. 31 tal-process).

## V. KONKLUZJONI.

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad il-hames (5) talba' attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra kollha biss u fis-sens hawn premess,** b'dan illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-istess konvenut konsistenti f'eccessi, u sevizzi, adulterju u abbandun tal-familja *inter alia ai termini* ta' **artikoli 38, 40, u 41 tal-Kapitolu 16**;

2. Tiddikjara li l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri tal-kontendenti cjoe' Samira, Hannah, u Rashid, it-tlieta ahwa Al Tumi hija fdata unikament f'idejn l-attrici bla ebda dritt ta' access favur il-konvenut assenti.

3 Tikkonferma d-dritt tal-attrici ghaliha u ghal uliedha li jigu mantnuti mill-istess konvenut assenti, izda *stante* li ma hemm l-ebda prova dwar l-introjtu attwali tal-konvenut, f'dan l-istadju ma hemm l-ebda ammont ta' manteniment x'jigi likwidat u deciz, salv id-dritt tal-attrici li tressaq tali talba fil-futur quddiem il-Qorti kompetenti kemm-il darba jirrizulta li l-istess konvenut ghandu xi forma ta' ntrojtu.

4. Illi ghall fini tar-raba' talba tilqa' din it-talba w tapplika d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** kontra l-konvenut fit-totalita' taghhom u *inoltre* tiddikjara li l-konvenut tilef a) il-jeddijiet imsemmija fl-**artikoli 631, 633, 633A, 825, 826, u 827 tal-Kapitolu 16**, b) dak kollu li kiseb mill-attrici b'donazzjoni bi hsieb ta' zwieg, jew waqt iz-zwieg b'titolu gratuitu iehor; c) kull jedd ta' parti miz-zwieg ghal nofs ta' l-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-attrici wara l-20 ta' Mejju 2000 li hija d-data li l-konvenut huwa kkunsidrat hati tal-firda; kif ukoll il-jedd li jgieghel lill-attrici li tissomministra lilu l-manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.

5. Tichad din it-talba *stante* li mill-provi ma' jirrizultax li l-konvenut ghandu fil-pussess tieghu xi oggetti parafernali tal-attrici.

6. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti mid-data tal-20 ta' Mejju 2000 u tiddikjara li *stante* li l-istess komunjoni ta' l-akkwisti ma kien fiha xejn ta' valur ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz, b'dan li l-kera tal-fond 11, Flat 1, Wells Street, Vallketta, li gie allokat lill-attrici wara li l-konvenut abbandunaha ghandu jibqa' b'kera esklussivament f'idejn l-attrici, u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lis-sid il-kera tal-istess fond u lill-Awtorita' tad-Djar.

Illi *inoltre* tiddikjara li l-fajjenza, ghamara konsistenti f'*wallunit*, sufan u pultruni u ghamara tal-kamra tas-sodda huma proprjeta' parafernali tal-attrici u jispettaw lilha u ghandhom jibqghu fil-pussess taghha.

7. Tilqa’ din it-talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha “Caruana” skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 62 tal-Kap 16.**

8. Tordna li s-sentenza titnizzel fir-Registru Pubbliku.

9. Tiddikjara u tiddeciedi li l-fond 11, Flat 1, Wells Street, Valletta huwa r-residenza esklussiva tal-attrici u ta’ wliedha minuri ad eskluzjoni ta’ Ghedafi Said Al Tumi.

Bl-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri, komprizi dawk il-proceduri kollha quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut assenti, filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------